*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

**It-Tnejn 10 ta' Marzu 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku

Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**10.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija ta-Viċi Sindku Janice Falzon.

**10.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 9 li saret Nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2025:</u>***

10.2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qali li paġna 2 paragrafu 9.2.1.1 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*''Talba tas-Sinjura Marthese Sciberras biex iżżid is-siegħat tax-xogħol:''*

10.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex paġna 3 paragrafu 9.2.2.8 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.2.2.10 u qal illi din is-sistema ser iżżid l-effiċenza u anke jekk jinbidel il-Kuntrattur xorta din is-sistema tista tibqa tintuza. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan il-whatsapp mhuwiex qiegħed għar-residenti izda għal kuntratturi, fl-opinjoni tiegħu tad-dawl hija importanti ħafna.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

10.2.2 **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 9 li saret Nhar it-Tnejn 10 ta' Frar 2025:</u>**

10.2.2.1 Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 9.2.2.13 fejn staqsa jekk għandiex risposta rigward l-istabilment li hemm fil-pixxina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħatilhom però huwa tal-opinjoni l jkun aħjar għalijom li jgħamlu pressjoni huma għaliex bħala Kunsill hemm limitazzjoni sa fejn jista jasal.

10.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 9.2.2.14 fejn staqsa jekk kienx hemm progress fuq it-*telephone box* li kellha issir librerija.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li għanda laqgħa miegħu l-ġimgħa id-dieħla.

10.2.2.3 Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 9.2.2.15 fejn staqsa jekk għandiex pjanta ta' kif ser jiġi Ġnien San Tumas.

Is-Sindku qal li għand m'għandiex u huwa nforma lil Kunsilliera li dan il-proġett mhux ser jibda din is-sena.

10.2.2.4 Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 8 paragrafu 9.9.4 fejn staqsa jekk għandiex risposta rigward dan l-ilma li ħiereġ minn ġol blat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ktiebna lil WSC però infurmawh li dan ma kienx ilma u għaldaqstant bgħatnija lis-Sanita`.

10.2.2.5 Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 9 paragrafu 9.9.8 fejn staqsa jekk għandiex risposta fuq it-tabelli mal-mollijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa kellhu laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda fejn bħala tabelli kkonfermaw li huma l-istess li urit il-Viċi Sindku waqt l-aħħar laqgħa. Huwa kompla jispjega illi waqt il-laqgħa li kellhu mal-Għadqa talbu ukoll li l-istess tabelli jsiru mal-moll ta' Triq San Ġorġ.

Kien hemm diskussjoni jekk dawn it-tabelli għandhom isiru jew le u fl-aħħar ġie iċċarat li dawn it-tabelli qed jindikaw li l-għawm ma jsiru tul il-moll biss u mhux mal-kumplament tax-xtajta.

Kien hemm qbil dwar dan.

10.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 9 paragrafu 9.9.9 fejn staqsa jekk għandiex risposta fuq il-rikjesta ta' dawl fuq iz-zuntier.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna bgħatna t-talba tagħna però għad ma għandiex risposta

10.2.2.5 Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 10 paragrafu 9.7.4 fejn staqsa bgħatniex il-proposta tagħna lil Project Green fejn jistgħu jitħawlu is-siġar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proposti ma fejn jistgħu jitħawlu ma jaslux il-Kunsill minkejja diversi tentattivi sabiex inġibu l-informazzjoni u l-applikazjoni laħqet għalqet.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li kien hemm bżonn jitħawlu fi Triq il-Blajjiet għaliex hemm postijiet fejn il-bankina ma tiġiex żgumbrata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm ma ilħaqniex napplikaw għal din l-iskema huwa konvit li *Project Green* xorta hemm possibilità li jassistu sabiex jitħawlu xtili fi Triq il-Blajjiet.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

10.2.2.5.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni rigward is-siġra li kienu tħawlu mill-MRN fi Triq Ħaż Żabbar, fejn huwa spjega illi dawn is-siġar bħala upkeep l-ewwel sena kellhom jieħdu ħsiebhom *Infrastructure Malta* u wara il-Kunsill ta Ħaż Żabbar. Huwa kompla jgħd illi qed tikber pjanta invażiva Ricinus illi toqtol is-siġar u hemm bżonn li titneħħa.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil Kunsill Lokali Zabbar

10.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 paragrafu 9.3.2 fejn qal illi l-Kuntrattur għandu l-permess biex jibda Triq il-Blajjiet però ma għandux il-permess mill-*Planning Authority* u qed jistennew il-permess biex jibda ix-xogħol filwaqt ta' Triq iż-Żonqor ix-xogħol ser jibda għada. Huwa kompla jispjega illi waqt *site meeting* li kellu mal-Perit Zerafa Boffa u l-kuntrattur li ser jgħamel ix-xogħol ġie innutat illi l-bankina tan-naħa tal-Awwista tinsab fi stat ħażin u jekk issir talba min-naħa tagħna tista tinbidel ukoll għaliex il-permess jinkludi ż-żewġ naħat tat-triq. Huwa spjega li din it-talba għanda issir urġenti.

Is-Sindku qal li hemmek hemm il-kantini tan-nies fil-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa rawhom li kien hemm il-kantini fuq il-bankini u dik hija xi ħaġa li l-Kuntrattur jikkordina mar-residenti.

10.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 paragrafu 9.9.2 fejn qal li qed jaħdem fuq id-dawl dekorattiv ta' Triq is-Salini u qed jaħdem sabiex iġib *sample* u tkun maħduma sabiex wara jieħdu deċiżjoni fuqha.

- ***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-6.20pm***

10.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9.2.2.9 fejn qal lil kuntrattur talbu sabiex sa Ġunju jlesti ix-xogħol li għandu jgħamel ix-xogħol fuq il-kajjik

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.30pm***

10.2.2.9 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 9.2.2.3 fejn qal li t-tender rigward il-lift ta' Triq Santa Tereża reġgħet ħarġet u anke ingħalaq is-sit bil-*hoarding* kif suppost.

10.2.2.10 Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 9.6.2 fejn informa lil Kunsilliera illi ix-xogħol fi Triq is-Silla kellhu jibda fis-17 ta' Frar però dan ġie pospost għaliex instabu xi fdalijiet arkejoloġiċi li jista jkun Menħir.

10.2.2.11 Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 9.6.3 rigward il-proġett li ser jsir fil-Bajja San Tumas minn Infrastructure Malta. Huwa spjega li kellhu laqgħa mal-Perit ta' Infrastructure Malta flimkien ma-Kunsillier is-Sur Francis Gilford, fejn waqt il-laqgħa preżentaw pjanta li qed tiġi proposta sabiex minn fejn jispiċċa it-tarmak sa fejn tibda it-triq li tgħati għat-telgħa ta San Gejtanu minn taħt iċ-ċint u in-naħa ta barra jsir *aggregate plastic cells* li jservi bħala parkeġġ magħruf bħala *grasscrete*. Filwaqt illi fin-nofs tiegħu jsir grasscrete minn fejn jgħaddi t-traffikku u dan jibqa sejjer sa ma jibda il-Munxar.

Is-Sindku kompla jispjega illi huma infurmahom illi għandhom informazzjoni li din l-art hija privata. Huwa kompla jispjega illi il-Perit Anton Zammit talab sabiex ngħadduwlu l-informazzjoni ta' min huma is-sidien biex jipprovdu dokumenti li huma it-titolari u din l-art u filkas tiġi spropjata.

Kien hemm qbil li nitolbu lil Viċi Sindku tiprovdilna kuntatt ta' min huma is-Sidien.

Kien hemm diskussjoni ukoll fuq il-palm li ser jtuna li kien ġie deċiż fl-laqgħa preċedenti fejn ġie innotat li dan fejn ser jitħawwel jista jkun ta' xkiel għal dan il-proġett propost. Kif ukoll li hemm bżonn ta' *full development application* biex jitħawwel il-Palm

## 10.3 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>

### 10.3.1 <u>Objection PA/08068/24 (35/0620/25/I):</u>

Il-Kunsill iddiskuta dan il-komunikat fejn il Marsaskala Residents tefgħu l-oġġezzjoni tagħhom sabiex il-parkeġġ quddiem il-*Labour Party Club* ma jingħatax għal imwejjed u siġġijiet ġo parkeġġ.

Kien hemm diskussjoni dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa ma jaqbilx li dawn it-tipi ta parkeġġi jingħataw għal imwejjed u siġġijiet u dan sabiex ma jinħoloqx preċident u jkollna sitwazzjoni li l-istabbilmenti ta' Marsaskala jibdew japplikaw sabiex il-parkeġġ ta quddiem il-ħanut tagħhom jingħata għal imwejjed u siġġijiet. Huwa rid jgħamilha ċara li huwa ma jaqbilix ma dan mhux għax huwa il-*Labour Party Club* imma seta kien kull stabbiliment inkwistjoni.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li ir-representation period ta din l-applikazzjoni għalqet u lanqas li kieku il-Kunsill rid joġġezzjona ma jistgħa jgħamel dan.

10.3.2 **Cir AKL 2025/022 ECAD Membership 2025 (35/0594/25/I):**

Il-Kunsill qabel li nerġgħu nissiħbu bħal membri tal-ECAD (European Cities Against Drugs).

10.3.3 **Skema t'Ghanjuna Finazjarja Ġimgha Mqaddsa 2025 (35/6534/25/I):**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi l-Għaqda tal-Armar ser torganizza Mixgħela bħala attività tal-Ġimgħa Mqaddsa u in-nefqa ser tkun €1000 minflokk €800 għaliex bħala Kunsill irbaħna skema għal din l-attivita li jammonta għal €1000 mir-Reġjun Nofsinhar.

10.3.4 **Quote Playing Equipment (35/0596/25/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istruttura li hemm fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici ser tibqa l-istess u ser tinħadem *playing equipment* apposta li jiffitja ġol-istruttura u kif ukoll jinbidel *spring toy* għas somma ta €3191.88.

Il-Kuntrattur huwa Mario Mallia li se jiffranka l-flus lill-Kunsill peress li l-istruttura preżenti ser tibqa u ser isirula l-ħbula u l-iswing apposta għal din l-istruttura.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

10.3.5 **Inizjattiva Pupillu:**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilelri infuramt lil Kunsilliera illi anke wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri iddeċidew illi peress li l-użu tal-kalendarju naqas ser jsir biss pubblikazzjoni ta 1500 kalendarju u jinġabar mill-Kunsill. Hija kompliet tispjega illi l-fondi allokati ser jmorru għal *promotion* tal-page, affarijiet għat-tfal, *colouring books* fuq Pupillu u il-Mascot. Hija kompliet tispjega illi trid issir *Clean Up* f'Settembru idejalment waħda mit-tfal u waħda għal adulti, liem area issuġerita hija Sam Tumas u bejn Triq iż-Żonqor u ix-Xagħjra.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri issuġġeriet ukoll li issir kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata u jingħata premju.

10.3.6 **Laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda:**

Is-Sindku spjega li kellhu laqgħa mal-Baħħara u Sajjieda u Dilettanti u kien hemm il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri preżenti fejn spejga li dawn marru għand tal-*fisheries* u reġu talbu sabiex il-biċċa art li hemm wara il-pixxina joħduha lura sabiex ipoġġu l-karrijiet bejn nofs Ġunju u nofs Settembru. Huwa kompla jispjega lil din l-*area* madwar sentejn ilhu Project Green għamlu *picnic area* ġo din l-*area* u tħawlu xi siġar. Huwa qal li tkellem maċ-Chairman tal-Inwadar u ikkonferma li din l-area tifforma parti mill-Inwadar Huwa qal li hemm biċċa oħra li hija tal-lands u dik ser jibqu jużawa, iżda hemm 2 karrijiet kbar u jridu jsibu post alternattiv għaliex kieku jokkupaw l-ispazju kollhu.

Is-Sindku ukoll li tkellem ma *Project Manager* minn *Infrastructure Malta* fejn qallu li ser jirranġaw il-moll sabiex jipruvaw jaħsbu għal trasport bil-baħar, fejn anke kien ġie diskuss li l-arkati jiġu kwadri, fejn waqt il-laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda ġiet diskuss il-possibilita li l-arkati jibqu kif inhuma fejn hu tkellem mal-Project Manager tal-Infrastructure Malta u t-talba ġiet milqugħa.

10.3.7 **Filming fis-17 ta' Marzu 2025**

Is-Sindku informa lil Kunsillier illi l-kumpanija DO Productions Ltd għal film *Back to the 90's* ser jiffilmjaw fi Triq is-Salini minn Triq il-Grigal sa ħdejn il-Jerma u ser jkun hemm 7 trakkijiet ipparkjati ħdejn il-Jerma għal 3 ijiem u ser jgħatuna €1000 donation.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

10.3.8 **Egg Hunt 13 t'April 2025**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera Maryrose Mifsud, Francis Gilford u Celine Camilleri u 11 il-persuna oħra ser jmorru l-Peru u dan tal-Easter Egg Hunt ser jiġi organizzat biex l-flus li jinġabru ser jingħtaw b'donazzjoni il-Mons Isqof fil-Peru Giovanni Cefai.

Kien hemm qbil illi waqt l-*egg hunt* ma jittimjawx ħalli tkun *fair* għal kulħadd.

10.3.9 **Kumitati:**

Sotto Kumitat tal-Christmas Village ser jkun kompost mis-Sindku, il-Kunsillier Charlot Mifsud, il-Kunsillier Beverly Saliba, il-Kunsillier John B Camilleri u l-Viċi Sindku. Huwa qal li l-bankarelli ser jġibuhom jingħalqu u l-Christmas Village ser jsir 5, 6 u 7 ta' Diċembru 2025. Id-diskussjoni tkompliet li jkun hemm vendors aħjar ħalli jiġbdu iktar nies u anke jsir depożitu fejn jekk ma jarmawx jitilfu id-depożitu u jrid jsir *promotion* tajba minn qabel.

Sotto Kumitat tal-Indafa iffurmat mill-Kunsillier Beverly Saliba, Kunsillier Celine Camilleri, Kunsillier Dr Patrick Camilleri u l-Viċi Sindku.

Sotto Kumitat tal-Kultura iffurmat mill-Kunsilliera Beverly Saliba, Kunsillier Celine Camilleri u l-Kunsillier Jesmond Abela, Mandy Pellicano, Matthew Malli, Romina tal-Choir u rappreżentant mill-iskola Sant Anna u żewġ rappreżentanti mill-Iskola ta San Ġwakkin, Neivelle Ebejer, Tara Brown, Grazielle Debono u Arthur Talgiana.

Sotto Kumitat Arti iffurmat mill-Kunsillier Beverly Saliba, Kunsillier Celine Camilleri u l-Kunsillier Jesmond Abela, Rudy Buhler, Mario Zammit Lewis u Noel Ancillery, Alison Agius u Dorothy Meli.

10.3.10 **Festa Melħ**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li flimkien mas-Sindku tkellmu mas-Sur Noel Castillo u qed jistennew stima. Hija talbet illi l-attivita ssir f'Mejju 2026 u matul din is-sena ssir konferenza fuq il-melħ u *guided tours*. Hija kompliet tispjega li jsir video però għas-sena 2026.

10.3.11 **Party tal-Karnival**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li flimkien mal-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri orġanizzaw party tal-Karnival għat-tfal u dan kien suċċess.

10.3.12 **Douzelage 16 sa 20 t'Ottubru 2025**

Is-Sindku beda biex jgħid illi is-sena id-dieħa l-AGM ser issir Marsaskala u għal AGM ta din is-sena li ser issir Preveza ġewwa l-Ġreċja u għal din l-AGM issuġġerixxa li ser jitilgħu s-Sindku, is-Sinjura Rebecca Micallef, Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud bħala Edukazzjoni u l-Kunsilliera s-Sinjura Maryrose Mifsud u Celine Camilleri taż-żgħażagħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din is-sena jridu joqgħodu ħafna attenti peress li is-sena id-dieħla ser issir Marsaskala.

Id-diskusjoni tkompliet fuq l-AGM li ser issir f'Marsaskala ser issir f'Settembru 2026 u l-arranġamenti neċessarji. Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li nistgħu ninkludu l-informazzjjoni fuq il-melħ ukoll fl-AGM.

10.3.13 **Sinjali fi Triq La Sengle**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li fit-tarf ta' Triq La Sengle hemm sinjali sofor ftit l-isfel mill-Mużew.

Is-Sindku qal li dawk saru minħabba tal-linja biex tkun tista tgħaddi minħabba tfal li joħorġu mill-katekiżmu u jiġi evitat il-periklu.

10.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:***

10.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**10.5 Rapporti:**

**10.5.1 KLM 2025/01 Works Road Maintenance and patching works of aċċess and aċċess only roads in the locality of Marsaskala:**

| Offer ID | Name of Economic Operator | Princing Information |
|---|---|---|
| 222481 | BI Contractors Ltd | €339,597.00 |
| 222479 | Roswell Ellul | €398,106.00 |
| 222441 | Bonavia Fabio | €421,575.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista tal-offerenti u qal li l-bord evalwa dawn l-offereti fejn kollha kienu *compliant* u għaldaqstant il-bord qed jirrakkomanda illi din l-offerta tingħata lil BI Contractors Ltd peress li huwa l-orħos offerent.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona li din l-offerta tingħata lil BI Contractors Ltd u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**10.6 *Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm items oħra

**10.7 *Korrispondenza:***

**10.7.1 Write off: 743 dvd t'informazzjoni fuq Marsaskala, keyboard Packard bell, KLM001325 keyboard, KLM001404 keyboard, KLM001181 keyboard, KLM001181 speakers, Monitor Yashi, KLM001513 ups, KLM001325 ups, Hp laser 1000W.**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta affarijiet għal *write off.*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.7.2 SPI.SCI05.2025 Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026, SPI.SCI.06.2025 Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, SPI.SCI.07.2025 Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalita`.**

10.7.2.1 SPI.SCI05.2025 Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026 – Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li ser tapplika għal attività tal-Karnival.

10.7.2.2 SPI.SCI.06.2025 Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – Il-Kunsill qabel li ma japplikax għalija.

10.7.2.3 SPI.SCI.07.2025 Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalita` - Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li napplikaw fuq atttivita` sportiva.

10.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 10:</u>**

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-pagamenti li daħlu tard

10.8.1.1 Doreen Mintoff invoice no 25-004 li tammonta €1050.20 Accountancy Service March 25.

10.8.1.2 Doreen Mintoff invoice 25-005 li tammonta €118.00 extra works.

***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba ħarġet mill-laqgħa fit-8.15pm***

10.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

10.9.1 ***<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja u issekondat s-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru032 -19/2/25):</u>***

*''Wara l-ilmenti li daħlu minn ċertu Joe Gerada li jabita f`razzett fit Triq Zabbar Marsaskala li ħafna ilma tax-xita qiegħed jinħela u flok imur fil-ġibjun qiegħed jintilef fil-baħar, qiegħed nipproponi illi jsir culvert zgħir fuq il-bankina li jispara dirett fil-ġibjun biswiet ir-razzett u b`hekk ma jinħelix ilma u anke l-bdiwa jistgħu juzaw mill-istess ilma. Nippreċiza li qabel ma` saret it-triq dan il-culvert kien jezisti.''*

Kien hemm qbil dwar dan

10.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru033-4/3/25):</u>**

*''Wara li reġa kien hemm ħafna nċidenti fi Triq il-Qaliet qed nerġgħa niproponi li jsir xi tip ta' traffic calmers, idejalment speed cameras minn ħdejn Villa Sant'Anna sal-Bajja ta' San Tumas.''*

Kien hemm qbil li niktbu lil Perit Janice Borg ul-Perit Vassallo ta' Infrastructure Malta peress li huma kienu talbunha ngħamlu *survey* u aħna konna għamilnih.

Kien hemm qbil ukoll li nitolbu lil TMalta sabiex jsiru tabelli li jimmarkawlek l-*ispeed* li tkun għaddej bih.

10.9.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Frracnis Gilford qal li l-bankina ta quddiem l-isparkle qed tiżloq u qed jiżolqu in-nies

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hawn żebgħa tal-epoxy tkun imramla u bijha tiġi *non slip.*

Kien hemm qbil li peress li l-bankina ta' quddiem l-Isparkle kien għamilha hu għanda inkelmuh qabel.

10.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru034-4/3/25):</u>**

*''Jipproponi li fi Triq iż-Żonoqr in-naħa ta'ekx Police Station ngħamlu xi traffic calmers, eżempju xi bollards u jerġa jinżebagħ il-linja bajda fin-nofs tat-triq fejn hu possibli.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm bżonn isir infurzar għaliex xorta jitilgħu t-trakkijiet minn quddiem id-dar il-ħamra.

Kien hemm qbil li niktbu lil Puluzija u Lesa.

Kien hemm qbil li fil-biċċa l-wiesgħa ħdejn il-*boutique hotel* isir *central line* kif ukoll fid-dawra faċċata tas-Summer Nights u issir tabella *choose your lane.*

10.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru035-4/3/25):</u>**

*''Jipproponi sabiex tinżebagħ il-Bajda u s-Sewda fi Triq iż-Żonqor.''*

Kien hemm qbil li nitolbu lil MTA issir min-naħa tagħhom pero jridu jitwessaw il-linji.

**10.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 15 ta' April 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 10 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |